# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2022

**Kawża Nru. 10**

**Rik. Nru. 30/2022 ISB**

**Lorna Smith (K.I. 379680M) fil-kapaċita tagħha ta' likwidatur tal-kumpanija One Telecom Limited (C43281)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tal-likwidatur tal-Kumpanija One Telecom Limited, **Lorna Smith**, intavolat fis-7 ta' Marzu 2022, li permezz tiegħu hija talbet lil-Qorti sabiex:-

> *"...ai termini tal-artikolu 275(1) tal-Att Dwar il-Kumpaniji, Kapitlu 386 tal-liġijiet ta' Malta, tordna li tiġi differita d-data li fiha l-isem tal-*

*kumpanija għandu jitħassar mir-reġistru tal-kumpaniji għal dak iż-żmien li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u dan taħt dawk il-provedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni fiċ-ċirkostanzi."*

U dan wara li ppermettiet:

*Illi fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) l-esponenti kienet ġiet approvata mill-'Malta Business Registry' bħala likwidatur ta' One Telecom Limited (C43281);*

*Illi l-esponenti kienet għamlet id-dokumentazzjoni kollu meħtieġ sabiex isir l-istralċ tal-kumpanija in kwistjoni, li iżda din il-kumpanija sal-ġurnata tal-lum għadha ma ġietx stralċjata mir-reġistratur tal-kumpaniji;*

*Illi ġie a konnissjoni tal-esponenti illi l-kumpanija in kwistjoni, ossia One Telecom Limited (C43281) hija soġġetta għal proċeduri kriminali kontriha, u di fatti l-istess kumpanija għandha kawża kontra tagħha fl-ismijiet 'Repubblika ta' Malta vs Marie Louise Attard u One Telecom Limited' quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati;*

*Illi apparti li din il-kumpanija hija soġġetta għal proċeduri kriminali, l-istess kumpanija hija soġġetta b'ordni ta' iffriżar;*

*Illi b'hekk l-esponenti tħossha f'obbligu, stante l-fatt li ġie a konnissjoni tagħha illi l-istess kumpanija hija soġġetta għal proċeduri kriminali kontra tagħha, li tistaqsi lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiġi differita d-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jitħassar mir-reġistru tal-kumpaniji;*

Rat **id-digriet** tagħha tad-9 ta' Marzu 2022, fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-27 ta' April 2022 fid-09:30 a.m.

Rat in-nota tar-rikorrenti Lorna Smith (fol 4) li permezz tagħha ppreżentat **affidavit** (fol 5 sa fol 6) b'numru ta' dokumenti annessi (fol 7 sa fol 25).

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fit-28 ta' Marzu 2022 (ara tergo ta` fol 26).

Rat illi fil-11 ta' April 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 30) bid-dokumenti hemmek annessi (fol 34 sa fol 47), li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpannija One Telecom Limited (C 43281) (minn issa 'l quddiem 'il-kumpanija') kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-8 ta' Jannar 2008;*
>
> *Illi b'riżoluzzjoni straordinarja, il-kumpanija għaddiet għall-proċess ta' xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali nhar is-17 ta' Marzu 2021 skont l-Artiklu 265(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji (minn issa 'l quddiem "l-Att") u liema dikjarazzjoni ta' dan, skont kif rikjest mill-Artiklu 268(1) tal-Att, ġiet notifikata lir-Reġistratur mid-direttur tal-kumpanija **(Dok. R1)** flimkien mad-dikjarazzjoni li l-kumpanija kienet tista' tħallas id-djun tagħha kollha fi żmien tliet xhur **(Dok. R2)**;*
>
> *Illi likwidatur ġie maħtur, skont l-Artiklu 290(1) tal-Att nhar is-17 ta' Marzu 2021 **(Dok. R3)**;*
>
> *Illi l-kumpanija għaddiet mill-proċess ta' stralċ volontarju u ġew sottomessi d-dokumenti kollha lir-Reġistratur, skont kif rikjesti mill-Att, inkluż ir-rendikont, l-iskema ta' distribuzzjoni u r-rapport tal-awditur **(Dok. R4)** flimkien mar-rendikont tal-Likwidatur **(Dok. R5)**;*
>
> *Illi r-Reġistratur għaddiet sabiex skont l-Artiklu 275(1) tal-Att, tirreġistra tali dokumenti msemmija u tippubblika l-avviż msemmi fl-Artiklu 401(1)(e) tal-istess Att, liema avviż ġie ppubblikat nhar **i**d-29 ta' Novembru 2021 **(Dok. R6)**;*

*Illi -Reġistratur tiċċekkja jekk ikunx hemm ordni ta' ffriżar fuq il-kumpanija qabel ma tmexxi għat-tħassir, minkejja illi dan huwa purament obbligu tal-likwidatur.*

*Illi r-riċerka ssir minn portal pubbliku tal-Uffiċju għall-Irkupru ta' l-Assi.*

*Illi matul il-perjodu ta' tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviż fuq imsemmi, irriżulta iżda li l-kumpanija ġiet soggetta għal ordni ta' iffrizar maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati nhar l-20 ta' Diċembru 2021* ***(Dok R7)****;*

*Illi fid-dawl ta' dan, l-esponent Reġistratur ħasset illi ma setgħetx tmexxi bit-tħassir tal-isem tal-kumpanija mingħajr ma' tinforma lill-likwidatrici u dan sabiex ma tigix preġudikata l-ordni ta' iffriżar imsemmija*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti ma għandha l-ebda oġġezzjoni illi din l-Onorabbli Qorti tordna li tiġi differita id-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpnniji għal dak iz-zmien li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ- ċirkostanzi.*

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' April 2022, id-difensur tar-rikorrenti iddikjarat illi l-patroċinata tagħha m'għandhiex iktar provi xi tressaq filwaqt li d-difensur tal-intimat Reġistratur iddikjarat li qed tirrimetti ruħha għall-atti, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti noe. ai termini tal-**Artiklu 275(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti noe, bħala likwidatur tas-soċjeta One Telecom Limited (C 43281) qegħda, għar-raġunijiet minnha indikati, ossia, illi hemm proċeduri kriminali kontra l-istess soċjeta`, u kif ukoll peress illi hemm ordni ta' iffriżar, titlob lill-Qorti differiment tad-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jitħassar mir-reġistru tal-kumpaniji.

Illi l-intimat Reġistratur jikkonferma li l-kumpanija One Telecom Limited hija soġġetta għal ordni ta' iffriżar maħruġ mill-Qorti nhar l-20 ta' Diċembru 2020 u li fid-dawl ta' dan huwa tal-fehma li ma jistax imexxi bit-tħassir tal-isem tal-kumpannija mingħajr ma jinforma lill-likwidatur u dan sabiex ma jinħoloqx preġudizzju minħabba l-ordni tal-iffriżar u għalhekk jgħid illi hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni illi din il-Qorti tordna li tiġi differita d-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-affidavit tagħha r-rikorrenti Lorna Smith tgħid li fis-17 ta' Marzu 2021 ġiet appuntata bħala likwidatur tal-kumpannija One Telecom Limited.

Tgħid li fl-1 t'April 2021 hija għamlet it-tfixxijiet neċessarji għal raġunijiet ta' *due diligence* kemm fuq il-kumpannija nnifisha, kif ukoll fuq id-direttriċi tal-istess kumpannija, Mary Louise Attard. Tgħid li fir-rigward tad-*due diligence* kollox kien tajjeb u għalhekk pproċediet sabiex tipprepara d-dokument sabiex isir l-istralċ u ssottomettiet l-istess dokument lil *Malta Business Registry*.

Issostni li hi ma ġiet infurmata fl-ebda punt li l-kumpannija One Telecom Ltd kienet tressqet quddiem il-Qorti akkużata b'ħasil ta' flus. Tgħid li saret taf b'dan fit-3 ta' Marzu 2022 meta ġiet informata mill-*Malta Business Registry* fejn ġiet mitluba mir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex titlob li tiġi differita l-*istriking off* tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Tgħid li minħabba l-fatt illi One Telecom Limited għandha kawża kriminali pendenti kontra tagħha, fil-fehma professjonali tagħha ikun fl-interess tal-ġustizzja illi l-istralċ tal-kumpannija One Telecom Limited jibqa' pendenti u dan sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi u d-drittijiet ta' kwalunkwe persuna li tista tiġi affetwata f'każ illi dan l-istralċ iseħħ.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi u mid-dokumenti esebiti jirrizulta:

Illi fis-17/03/2021 giet registrata il-FORM B(1), ossia, in-*notice of resolution for dissolution and consequential voluntary winding up* pursuant to article 265(1);

Illi ukoll fis-17/03/2021 giet reigstrata il-FORM B(2), ossia, id-*declaration of solvency* pursuant to article 268;

Illi ukoll fis-17/03/2021 giet registrata FORM L, ossia, in-*notice of appointment of liquidator* pursuant to section 290(1);

Illi fl-24/11/2021 gew ppresentati r-rendikont, l-iskema ta' distribuzzjoni u r-rapport tal-awditur;

Illi fid-29/11/2021 r-Registratur ghaddha biex ippubblika l-Avviz a tenur tal-artiklu 401(1)(e) tal-KAP 386. Dan l-avviz jikkontjeni d-dikjarazzjoni illi jekk ma jkunx hemm proceduri quddiem il-Qrati ai termini tal-Artikolu 275 tal-KAP 386 fi zmien tlett xhur mid-data tal-istess Avviz, allura r-Registratur jghaddi biex jikancella isem il-kumpannija minn fuq ir-Registru.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 275(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Malli jirċievi r-rendikont u l-iskema tad-distribuzzjoni, jekk il-każ, flimkien mar-rapport tal-awdituri u wieħed mill-prospetti imsemmija fl-artikolu 274(2), ir-Reġistratur għandu jirreġistrahom minnufih, u malli jgħaddu tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fl-artikolu 401(1)(e) ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-reġistru.*
>
> *Iżda l-qorti tista', fuq rikors magħmul fi żmien it-tliet xhur imsemmija mill-istralċjarju jew minn xi persuna oħra li fil-fehma tal-qorti jkollha nteress, tagħmel ordni li jiddiferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jitħassar mir-reġistru għal dak iż-żmien li l-qorti jidhrilha xieraq u bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti tista' tagħmel.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex il-Qorti tkun tista` tordna differiment tad-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji.

Qabel xejn il-Qorti tinnota illi l-ligi trid illi malli jircievi r-rendikont, l-iskema ta' distribuzzjoni u r-rapport tal-awditur, ir-Registratur ghandu jirregistrom minnufih u ghandu jghaddi biex jippubblika l-Avviz ai termini tal-Artikolu 401(1)(e) tal-KAP 386.

Issa, minn harsa lejn l-Artiklu 401(1)(e) tal-KAP 386, jirrizulta illi, minn meta jircievi d-dokumentazzjoni sabiex ikun pubblikat l-Avviz msemmi, illi perjodu ta' 21 gurnata huwa perjodu normali. Li jmur biex ifisser illi kieku r-Registratur ippubblika l-Avviz sal-15/12/2021, kien ikun entro t-terminu illi l-ligi tiddeskrivi u tikkunsidra bhala "normali". B'dana kollu, fil-kaz in ezami, ir-Registratur kien ferm aktar espedjenti u efficjenti u ghaddha biex ippubblika l-Avviz msemmi entro hamest'ijiem, ossia fid-29 ta' Novembru 2021.

Illi min dik id-data, beda jiskatta l-perjodu ta' tlett xhur msemmi mill-ligi.

**Ikkunsidrat Ulterjorment,**

Il-Qorti tinnota li f'dan il-kaz, id-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż ai termini tal-Artikolu 401(1)(e) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta kienet id-29 ta' Novembru 2021 filwaqt illi tinnota wkoll li d-data meta ġie intavolat r-rikors li ta bidu għal proċeduri odjerni mir-rikorrenti noe kienet is-7 ta' Marzu 2022.

Id-dicitura fl-artikolu 275(1) hawn fuq kkwotat ma jhalli ebda dubbju f'mohh il-Qorti illi l-perjodu ta' tlett xhur huwa perjodu perentorju, u appena jkunu ghaddew it-tlett xhur msemmija, ir-Registratur ghandu jhassar isem il-kumpannija minn fuq ir-Registru. Li jmur biex ifisser, illi sa mhux aktar tard minn tlett xhur mghaduda mid-29 ta' Novembru 2021, il-kumpannija de quo kellha tkun mnehhija minn fuq ir-Registru.

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi l-ligi hija cara fi kliemha, u taghmel referenza ghal "it-tlett xhur msemmija", allura b'referenza specifika ghat-tlett xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Avviz, fil-kaz odjern, id-29 ta' Novembru 2021.

Il-Qorti tosserva illi l-perjodu ta' tlett xhur huwa wiehed fiss u perentorju u l-ligi ma' taghti ebda diskrezzjoni lill-Qorti jew lil xi hadd mill-partijiet biex timxi mod iehor. Huwa ghalhekk illi ma jiswa ghal xejn dak li stqarret ir-rikorrenti, cioe`, illi kien ir-Registratur stess illi fit-3 ta' Marzu 2022 kien cemplilha u ssollecitha illi tipprezenta r-rikors odjern.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell[1]:

> *Minn kliem il-liġi nnifisha, dak iż-żmien huwa wieħed perentorju u terminu bħal dak jorbot idejn il-qorti li tkun biex tara li jitħares u jitwettaq. Jekk il-liġi nnifisha ma tagħmilx eċċezzjoni, qorti tkun*

[1] Emanuel Cuschieri et vs Allwares Ltd, QA, 23.06.2022

*marbuta li tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-liġi minn rajha, ladarba tterminu huwa wieħed perentorju.*

Għalhekk il-Qorti tosserva li t-talba ma saritx fi żmien it-tliet (3) xhur stipulati mil-liġi u konsegwentament ma tistax tilqa' t-talba tar-rikorrenti noe sabiex tkun differita id-data tal-kancellament tal-kumpannija minn fuq ir-Registru. Gja la darba dawn il-proceduri qeghdin isiru sabiex tkun differita tali eventwalita' ta' kancellament, jibqghu allura mpregudikati id-drittijiet kollha tal-partijiet kollha interessati skond il-ligi moghtija mill-istess ligi wara illi jsir tali kancellament.

Il-Qorti tqis illi l-legislatur ghandu jikkonsidra illi jkun hemm emendi fil-ligi sabiex meta jkun inhareg "*seizing and freezing order*" mill-Qorti kompetenti fuq <u>kumpannija registrata</u>, allura:
a) dan ikun minnufih notifikat mhux biss lir-Registratur tal-Kumpanniji izda ukoll lill-membri/ufficjali kollha tal-istess kumpannija, inkluz likwidatur jekk il-kumpannija tkun fi stadju ta' likwidazzjoni, u/jew
b) a skans ta' proceduri legali zejda, forsi jkun ukoll stipulat fil-ligi illi meta kumpannija registrata tkun fi kwalsiasi parti tal-process li jwassal ghat-thassir tal-isem minn fuq ir-Registru, allura kwalsiasi terminu stipulat bil-ligi ghall-kancellament tal-kumpannija minn fuq ir-Registru jigi sospiz.
Huwa ghalhekk illi l-Qorti ser tordna illi kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lill-awtoritajiet koncernati.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti qiegħda:

a) **Tiċħad** it-talba tar-rikorrenti noe. bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti noe, u
b) **Tordna** lir-Registratur tal-Qrati sabiex a spejjes tieghu jiehu hsieb jinnotifika din is-sentenza lill-Ministru ghall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet bhala l-Ministru responsabbli mill-Malta Business Registry u lill-Ministru ghall-Gustizzja ukoll bhala Ministru responsabbli mill-Asset Recovery Bureau.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |